MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2274/2004

**Miller Distributors Limited (C-344)**

**Vs**

**Victor Abdilla f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem S.P Self Service**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm231.38c (mitejn u wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut, fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Gillian Mamo tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------